**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

## Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 35

**Data:** Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020
**Ħin:** 17:00
**Post:** Online – Microsoft Teams

**Preżenti:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**35.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 33**

35.1.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.33.

35.1.4 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**35.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' urġenza Nu. 34**

35.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.34 li nżammet b' urġenza.

35.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Joe Cordina, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif preżentati.

**35.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa b' urġenza Nu. 33**

35.3.1 Il-President talab lill-Presidenti Reġjonali sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom u dwar x' kien l-eżodu ta' dak li kien diskuss waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 33 li fiha kien diskuss il-ġbir ta' skart riċiklabbli mill-lokalitajiet.

| | |
|---|---|
| **35.3.2 President – Reġjun Tramuntana** | Il-President semma li l-Kunsilli Lokali l-kbar jidhru li huma moqdija bis-servizz provdut mill-kuntrattur preżenti filwaqt li l-Kunsilli Lokali ż-żgħar jidher li qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsilli Reġjonali f' dan ir-rigward. |
| **35.3.3 President – Reġjun Ċentru** | Il-President semma li jidher li ħadd mill-Kunsilli Lokali li jappartjenu lir-Reġjun Ċentru m'hu ser jiffirmaw id-delega. Semma li kollha jidher li ser jibqgħu mal-kuntrattur preżenti. |
| **35.3.4 President – Reġjun Xlokk** | Il-President semma li meta ġie diskuss is-suġġett mal-Kunsilli Lokali rispettivi jidher li kien hemm qbil li għandha tingħata d-delega lir-Reġjun biss pero jidher li wara ż-żewġ kuntratturi tal-iskemi ikkomunikaw mal-Kunsilli Lokali rispettivi li dawn ser ikunu qed jibqgħu joffru s-servizz tagħhom. Chev. Farrugia semma li talab lis-Sindki biex dawn ikollhom din id-dikjarazzjoni bil-miktub. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**35.3.5 President – Reġjun Għawdex** — Il-President semma li jidher li hemm qbil bejn il-Kunsilli Lokali f' Għawdex sabiex din id-delega tgħaddi lir-Reġjun.

**35.3.6 President – Reġjun ~~Għawdex~~ Nofsinhar** — Il-President semma li s'issa r-Reġjun kellu biss konferma mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Semma li ser ikun qed jindirizza l-Kunsilli Lokali l-oħra waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

35.3.7 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jiġi skużat fil-17:20 peress li ried jattendi għal-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar.

**35.4 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa b' urġenza Nu. 34**

**35.4.1 Proġett ERASMUS+** — Il-President semma li l-kuntratt ġie ffinalizzat u ffirmat u b' hekk l-AKL ser tkun qed tibda bi tħejjijiet għal dan il-proġett.

**35.4.2 BOV** — Il-President semma li min-naħa tal-AKL kellu jikkonkludi l-komunikat mal-BOV jemmen li l-AKL assistiet aktar milli setgħet sabiex bil-ftit riżorsi li għandha għenet fl-amministrazzjoni sabiex jidaħħlu l-EPOS machines u l-Internet Banking f' dawk il-Kunsilli Lokali li xtaqu li jkollhom dan is-servizz. Semma wkoll li jekk kemm il-darba jkun hemm Kunsilli Lokali li jridu jbiddlu l-bank, l-AKL ser tkun tista' tassisti biex tiffaċilita l-proċess. Chev. Paul farrugia semma li għad hemm problema bid-depożitu tal-muniti, speċjalment fejn jidħlu Tribunali Lokali. Il-President semma li l-Kunsill Lokali ma jistax ma jaċċettax muniti għax ikun qed inaqqas is-servizz offrut lir-resident.
Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandu jintbgħat ilment formali lill-MFSA.

35.4.3 Il-Perit Graziella Galea talbet li tiġi skużata fil-17:30 peress li riedet tattendi l-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

**35.4.4 Social Distincing Stickers** — Il-President semma li l-ordni tal-istickers ta' Social Distincing kienet saret u dawn kienu tqassmu lill-Kunsilli Reġjoanli sabiex iqassmuhom lill-Kunsilli Lokali rispettivi.

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

Il-President semma li wara l-aħħar laqgħa tal-Eżekuttiv huwa reġa' tkellem mal-LESA sabiex jara fiex waslu. Jidher li hemm kollox konkluż sa sena 2018. Semma li mill-1 ta' Jannar 2019, is-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv u l-onorarja tal-President Reġjonali ser tibda titħallas mir-Reġjun u mhux tiġi mħalsa mill-LESA.

Chev Paul Farrugia semma li fil-każ ta' Tribunal ta' Xlokk 85% ta' revużjoni tal-ispejjeż ma tapplikax peress li r-Reġjun kien qed iħallas tas-servizzi u provisti ta' Tribunal separatament minn dawk tar-Reġjun. Għaldaqstant semma li dawn għandhom ikunu imħalsa mill-LESA 100% mhux 85%.

**35.4.5 Spejjeż Kunsilli Reġjonali relatati mat-Tribunali Lokali**

Il-President semma li ser ikunu qed isiru laqgħat mal-Presidenti Reġjoanli sabiex tinstab it-triq 'l quddiem għat-Tribunali Reġjonali.

Is-Sur Mifsud semma li t-Tribunali hemm ġranet li minkejja ma jkunx hemm seduti xorta jkun hemm xogħol li jkun qed isir fit-Tribunal.

Chev. Farrugia semma li huwa jaqbel li jekk hemm impjegati li huma allokati mar-Reġjun dawn għandhom jitħalsu mir-Reġjun ukoll u mhux mill-LESA. Il-President u l-kumplament tal-Membri qablu ma' din il-proposta u l-President issuġġerixxa li din todaħħal mal-formula għas-sena 2020.

### 35.5 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 34

35.5.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u s-Sur Anthony Mifsud ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Mejju 2020 u l-11 ta' Ġunju 2020 li kienet tammonta għall-€29,380.49.

### 35.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Management Reply 2019

35.6.1 Il-President għamel referenza għall-Management Letter mibgħutha mill-Udituri għas-sena finanzjarja 2019. Management Letter annessa u mmarkata bħala Dok A.

35.6.2 Il-President preżenta r-risposta għall-Management Letter għas-sena 2019. Kopja annessa u mmarkata bħala Dok B.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

35.6.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-ittra hekk kif preżentata.

**35.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **35.7.1 Ittra imwejjed u siġġijiet** | Il-President semma f' isem l-AKL intbgħatet ittra b' risposta għall-korrispondenza li l-Ombudsman bgħat lil diversi l-entitajiet b' referenza għall-permessi ta' mwejjed u siġġijiet. Ittra annessa u mmarkata bħala Dok Ċ. |
| **35.7.2 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kien hemm laqgħa oħra tal-Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiem Klerikali. Semma li saret referenza li l-impjegati għandhom jiġu provduti sett ta' korsijiet akkreditati li flimkien mal-esperjenza fil-ħidma tal-Kunsill Lokali jgħinu biex ħaddiem ikun jista' jipprogressa. Il-President semma li fid-dawl ta' dan l-AKL għandha tassisti l-Kunsilli Lokali billi tissusidja wkoll parti mil-ħlasijiet ta' dan it-taħriġ bħalama ġara fil-każ ta' sponsorship tal-M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġjar. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Farrugia, l-Eżekuttiv approva.<br>Is-Sur Mifsud semma li għandu jkun hemm klawożala speċifika fuq is-Sibtijiet għax Kunsilli żgħar qe disibuha diffiċli biex jiftħu kull nhar ta' Sibt peress li jkollhom ħaddiema bil-leave. |

35.7.3 Dr. Samuel Azzaopardi talab li jiġi skużat 17:55.

| | |
|---|---|
| **35.7.4 Proġett WiFi4EU** | Il-President semma li l-AKL assistiet sabiex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet ta' wħud mill-Kunsilli Lokali wara li fit-tielet sejħa kien hemm talba mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej sabiex l-AKL tassisti lill-Kunsilli Lokali sabiex jibbenifikaw minn dawn il-fondi. Semma li kien hemm l-ICT ta' Diviżjoni għall-Gvern Lokali li kienet qed tieħu ħsieb dan il-proġett. |
| **35.7.5 Laqgħa mal-President Dr. Gerorge Vella** | Il-President fakkar lill-Eżekuttiv fil-laqgħa li kellha tinżamm fil-Palazz ta' San Anton nhar is-17 ta' Ġunju 2020. Il-President ipproponi li għandha tinxtara pittura b' tifkira ta' din iż-żjara ta' kortesija biex tingħata lill- |

| | |
|---|---|
| | President. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. |
| **35.7.6 Korrispondenza mill-ANSEK fuq depożitu ta' muniti** | Il-President semma li l-AKL irċeviet kopja ta' ittra li l-ANSEK bgħatet rigward id-depożitu ta' muniti. |
| **35.7.7 Climate Change Development Plan** | Il-President semma li wara laqgħa li r-Reġjuni kellhom mal-Onor. Aaron Farrugia, ir-Reġjun għandu jissottometti r-rispons tiegħu fuq id-dokument li kien preżentat. |
| **35.7.8 Slow Streets Project** | Il-President semma li kienu qed isiru l-laqgħat mal-Kunsilli Lokali kif ukoll mat-tekniċi li ser imexxu dan il-proġett. Fakkar li 17 ta' Ġunju kien ser ikun hemm Konferenza Stampa biex jiġi mniedi dan il-proġett. |
| **35.7.9 Ftuħ ta' Kont Bankarju – Proġett EUCF** | Il-President semma li hemm bżonn jinfetaħ kont bankarju minħabba l-fondi li jidħlu mill-proġett tal-EUCF. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-Board Resolution. |
| **35.7.10 Kwotazzjonijiet miġbura** | Il-President semma li kellhom jinġabru kwotazzjonijiet tal-cleaner peress li l-kuntratt kien ser jagħlaq. Semma li l-kuntrattur kurrenti reġa' kien l-irħas għaldaqstnat ser ikun qed ikompli bis-servizz.<br>Il-President semma wkoll li inġabbru kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Accountant għall-AKL. Semma li kienu inġabru il-kwotazzjonijiet meħtieġa u l-accountant preżenti kien ikkonfermat li tefa' l-irħas offerta.<br>Il-President semma li kienu inġabru kwotazzjonijiet ukoll biex jinkesa l-ħajt tal-parti t' isfel tal-entratura tal-uffiċni. |
| **35.7.11 Bdil fil-proposti tal-Fondi tal-LESA** | Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet emendi fil-proposti tal-Kunsilli Lokali ta' San Ġwann, Birkirkara u s-Siġġiewi. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposti hekk kif ġew emendati. |
| **35.7.12 EUCF Webinar** | Il-President semma li fl-ewwel Webinar tal-EUCF ipparteċipaw madwar 27 Sindku, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi kif ukoll ir-Reġjun ta' Tramuntana. Semma li minn jixtieq jara dan il-webinar għandu jaċċessah https://www.youtube.com/watch?v=FJ0LANLuy-Q&t=3s |

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **35.7.13 International Blood Donation Day** | Il-President semma li inġabbru l-kwotazzjonijiet sabiex isir filmat qasir sabiex jirrikonxxi l-kontribut ta' diversi lokalitajiet li ipparteċipaw. |
| **35.7.14 Tiżjin tal-Milied mal-Faċċata tal-Binja tal-AKL** | Il-President semma li kienu ser jinġabru l-kwotazzjonijiet biex il-faċċata tal-AKL terġa' tiġi idekorata simili għal dak li kien sar fis-sena ta' qabel. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva li għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa. |
| **35.7.15 Membership CEMR 2020** | Il-President semma li CEMR kienu talbu li titħallas l-Membership għas-sena 2020. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva biex titħallas din il-membership. |
| **35.7.16 Sponsorhip Masters** | Il-President semma li mal-iskeda tal-Laqgħa li jmiss kellhom jiġu inklużi r-rimborż ta' l-sponsorship tal-Masters. |

**35.8 Aġġornament**

35.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2020 fil-ħamsa ta' filgħaxija ġewwa l-binja tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.36 li nżammet nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju 2020.

**Mario Fava**
**President**